

Brussell, 23 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7330/26

AGRILEG 50
VETER 34
DELECT 52

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet

1. Fit-12 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill l-att delegat li ġej f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 290 TFUE u b'mod partikolari mal-Artikoli 55(2), 63, u 64(4), l-Artikolu 67 u l-Artikolu 68(3) tar-Regolament (UE) 2016/429 ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"):
 - REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2020/687 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (C(2026) 0766 final).¹
2. Matul il-konsultazzjoni ta' silenzju mmedija wara li wasal l-att delegat imsemmi hawn fuq, delegazzjoni waħda qajmet oġġezzjoni².

¹ ST 6330/26 + ADD 1.

² WK 4265/2026.

3. Konsegwentement, il-Presidenza organizzat laqgħa tal-Kunsillieri/Attachés (Agri – Annimali u Kwistjonijiet Veterinarji) fit-23 ta' Marzu 2026 biex jiġi eżaminat l-att delegat. F'dik il-laqgħa, il-Presidenza osservat li ma kienx hemm maġġoranza kwalifikata favur l-oġġezzjoni għal dak l-att.
 4. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat imsemmi fil-punti 1 u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew jiġu infurmati b'dan.
 5. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 264(6) tar-Regolament (UE) 2016/429 ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali").
-